# Il-Ħamrun - Siltiet mill-Ġurnali

**Bosta huwa t-tagħrif li hemm ippubblikat fil-ġurnali tas-seklu l-ieħor dwar il-knisja li kienet qed tinbena f'dawk iż-żmenijiet f'Raħal San Ġużepp jew Ħamrun, li llum hi l-Knisja Parrokjali tal-Ħamrun. Minn fost il-bosta tagħrif se nislet tliet siltiet li jfakkru xi ġrajja storika konnessa mal-Knisja Parrokjali ddedikata lil San Gejtanu.**

## Kwadru ta' Santa Apollonia V. u M.

Wieħed minn dawn ir-rapporti hu dak ta' 'C.F.' u ppubblikat fil-ħarġa tal-ġurnal 'Fede ed Azione', tas-6 ta' Marzu 1875. F'dan ir-rapport insibu deskrizzjoni dettaljata dwar il-kwadru ta' Santa Apollonia Verġni u Martri. Fir-rapport tiegħu dan il-korrispondent jikkwota rapport li kien deher fl-'Osservatore Romano' tas-6 ta' Frar 1875. F'din id-deskrizzjoni insibu li dan il-kwadru sar Ruma mill-pittriċi Rumana, alljieva tal-Professur Carta ta' Ruma, Anna Forti.

Fost id-dettalji li jagħti l-'Osservatore Romano' ta' dan il-kwadru - barra naturalment tagħrif dwar din l-istess Qaddisa - hemm li l-pittriċi f'dan il-kwadru artistiku pinġiet ix-xbieha ta' Santa Apollonia u li r-ras tagħha għandha grazzja partikulari. Isemmi wkoll li barra l-figura ta' din il-Qaddisa Martri, hemm ukoll impittra tlett anġli. Wieħed minnhom qed iżomm Palma, l-ieħor qed iżomm Kuruna, waqt li t-tielet wieħed qed f'idu l-waħda jżomm ġilju, waqt li f'idu l-oħra qed iżomm strixxa bil-kliem:- Quocumque tendis - Virgines sequuntur.

Dan il-korrispondent jgħarrafna wkoll li dan il-kwadru tħallas mill-Markiż Felicissimo Apap u ngħata bħala rigal lill-poplu kbir, iżda fqir tar-raħal tal-Ħamrun.



**Il-kwadru ta' Santa Apollonia V. u M. fil-Knisja tal-Ħamrun**

## Tberik tal-Knisja

Rapport ieħor fil-'Fede ed

Azione' deher fil-ħarġa ta' l-14 ta' Lulju 1875. Hawn insibu dettalji dwar il-festi straordinarji li saru nhar il-11 ta' Lulju 1875, il-jum li fih sar it-tberik tal-Knisja tal-Ħamrun. Dakinhar għal dawn il-festi kien attenda wkoll l-Isqof ta' Malta ta' dak iż-żmien, il-Konti K. Scicluna.

Għal din l-okkażjoni kienet ġiet imżejna t-triq prinċipali waqt li saret purċissjoni pontifikali li ħarġet mir-residenza tar-Rettur tal-Knisja, Dun Fortunatu Valletta, għall-knisja l-ġdida. Wara li saret iċ-ċerimonja tat-tberik tal-knisja, il-poplu tal-Ħamrun, attenda għall-quddiesa ta' Mons. Arċisqof li fiha ħadet sehem ukoll il-mużika. F'din il-quddiesa ħafna kienu dawk li rċevew it-tqarbin, waqt li kien sar ukoll għadd ta' quddies ieħor.

Wara nofsinhar, wara l-kant tal-Vespri, kien sar diskors ta' l-okkażjoni mill-Agostinjan, Patri Stuzzini. Din il-funzjoni kienet intemmet bl-għoti tal-Barka Sagramentali. Tard filgħaxija, kien hemm logħob tan-nar, mixgħela ġenerali u wkoll daqq ta' baned.

Għal din l-okkażjoni storika mal-bieb prinċipali tal-knisja tpoġġiet din l-iskrizzjoni bil-Latin:

Templum hoc
Sancto Caietano Thienaeo
Dicatum
Cui primum
Archiep. Ep. Caietanus Pace Forno
Idibus Junii An. MDCCCLXIX
Auspicalem lapidem locaverat
Hodierna Sanctissima Die
Carmelus Scicluna
Archiep. Rhodi Melitae Episcopus
ad huius vicinae religionem fovendam V idus Julias an. MDCCCLXXV
Rite lustrandum decrevit

Gaudeamus incolae laetamurque
Et in tanti beneficii honorem
Deo Optimo Maximo
Immortales Gratias agamus.

*(Dan it-Tempju iddedikat lil San Gejtanu ta' Thiene li l-Arċisqof Gejtanu Pace Forno poġġa l-ewwel ġebla tiegħu nhar il-5 ta' Ġunju 1869, f'dan il-Jum qaddis Carmelo Scicluna, Arċisqof ta' Rodi u Isqof ta' Malta ħariġlu l-permess biex iħeġġeġ il-qima tal-fidili nhar il-5 ta' Lulju 1875. Nifirħu u nieħdu gost u nirringrazzjaw lil Mulej Alla li jista' kollox minn kemm ġid għoġbu jagħmel magħna.)*

Il-korrispondent ifaħħar mhux biss lir-Rettur Dun Fortunatu Valletta, imma

wkoll lill-kumitat li kien twaqqaf mill-mejjet Arċisqof Gejtanu Pace Forno, biex jieħu ħsieb il-bini ta' din il-knisja fil-Ħamrun. Ikompli li l-poplu Ħamruniż hu tassew grat lejn Mons. Arċisqof Gejtanu Pace Forno għall-ġenerożità tiegħu b'riżq il-bini ta' din il-knisja u wkoll talli għamel minn butu l-kwadru titulari u l-irħam kemm ta' l-altar maġġur kif ukoll tal-presbiterju.

Madankollu l-korrispondent ma jonqosx li jgħid li l-poplu Ħamruniż hu wkoll midjun lejn ix-xogħol bla serħan li wettaq is-saċerdot Dun Pawl Cavalliere Le Brun. Dan għaliex huwa kien l-id il-leminija tal-kumitat responsabbli mill-kostruzzjoni tal-knisja.



**Il-knisja ta' San Gejtanu li tbierket fil-11 ta' Lulju 1875**

## Festa ta' San Gejtanu

Kumment żgħir ieħor deher fil-ġurnal 'Fede ed Azione' tal-11 ta' Awissu 1875. Dan jittratta xejn anqas mill-festa titulari ad unur San Gejtanu Thiene li kienet ġiet iċċelebrata fl-1875 fil-knisja l-ġdida tal-Ħamrun. Jgħarrafna wkoll li kien sar it-tridu u jikkongratula lill-abitanti ta' dan ir-raħal tal-għotji prezzjużi ta' Mons Arċisqof Gejtanu Pace Forno, fosthom tal-Kwadru titulari ta' din il-knisja, xogħol tal-pittur Ruman il-Kav. P. Gagliardi.

Niġi fi tmiem din il-kontribuzzjoni żgħira b'silta oħra, din id-darba, meħuda mill-ġurnal 'Il Risorgimento' tad-9 ta' Ġunju 1877, fejn hemm imniżżel li l-poplu tal-Ħamrun li dejjem qed jikber, jittama li l-knisja tiegħu għandha tinqata' parroċċa indipendenti u ma tibqax parti mill-parroċċi ta' Birkirkara, Ħal Qormi u tal-Furjana... *'Parlando della Chiesa del Hamrun giustizia vuole che... è desiderio generale di quegli abitanti che crescono giornalmente in numero, che quella Chiesa sia fatta parrochiale e affata indipendente dalle parrocchie dei Casali Birchirchara e Curmi e della Floriana...'*

Fil-fatt din il-knisja saret Parroċċa fis-sena 1881 meta isem ir-raħal kien għadu jitniżżel daqqa Casale San Giuseppe u daqqa Hamrun.

**Grezio A. Grech**